# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 432/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

**Maria Balzan**

bint Anthony, imwielda Pieta', fl-14 ta' Jannar, 1983, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 67183(M)

Illum, 6 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Maria Balzan quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Dicembru, 2011 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (0230) f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi :

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS1187 Omar Zammit, PC27 Alan Joseph Zahra u PC1020 Patrick Magri, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz

pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurjat, heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuni ta' PS1187 Omar Zammit, PC27 Alan Joseph Zahra u PC1020 Patrick Magri persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li taghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja fil-periklu car, ittantat tikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuni ta' PS1187 Omar Zammit, PC27 Alan Joseph Zahra u PC1020 Patrick Magri persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku w uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT 261, ta' ghamla Smart, b'manjiera:

(a). traskurata, (b) perikoluza u (c) bla kont;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet jew kellha l-kontroll ta' vettura, bin-numru ta' registrazzjoni BBT 261, tal-ghamla Smart waqt li kienet qeghda fi triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kinietx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallithomx jew fixklithom waqt li jkunu ghamlu id-dmirijiet taghhom.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma l-akkuzata bhala recediva wara li kienet diga nstabet hatja minn Qorti tal-Magistrati Malta (Magt. Dr. A. Vella LL.D.).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 95, 96, 214, 216 u 338(ee) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet(3), tar-raba'(4) u tas-sitt(6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u ikkundannatha tmien(8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta sentejn (2) mil-lum. Il-Qorti inoltre skwalifikat lill-imputata milli zzomm jew totjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' tlett (3) xhur mil-lum. Il-Qorti iddikjarat lill-imputata mhux hatja tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement illiberatha mill-istess imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

(1) Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u ma setghetx issib htija a bazi tal-provi prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti Ta' L-Appell Kriminali Inferjuri, permezz ta' sentenza datata **28 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet Il-Puluzija vs. Etienne Sammut** (Appell Kriminali Numru. 71/2008) kkonfermat illi.

> *"….kif dejjem gie ritenut huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.* ***Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li***

***l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha,***[1] *allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni*[2].

Illi bir-rispett kollu, l-appellanta la tista' tifhem u umilment l-anqas tista' taccetta d-dikjarazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li qalet li "minn ezami tal-provi migjuba mill-Prosekuzjoni f'dan il-kaz, u senjatament mix-xhieda tat-tlett ufficjali tal-Puluzija nvoluti u li saret referenza ghax-xhieda taghhom aktar il-fuq, tirrizulta pruvata ir-reita' tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha salv ghal-hames imputazjoni."

Illi skont l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha minghajr ebda dubju dettat mir-raguni u dan in kwantu kemm li jirrigwarda l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*. B' kull rispett lejn l-Ewwel Qorti johorgu diversi nkonsistenzi fix-xhieda tal-prosekuzzjoni li juru li fil-fatt il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

F'iktar dettal, dan qieghed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

a) Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni huwa car u manifest illi l-ewwel akkuza ma gietx ippruvata mill-prosekuzjoni stante li minn dak li xehdu l-ufficjali ta' pulizija jirrizulta li meta l-esponenti giet imwaqqfa hija baqghet fil-vettura taghha. Kien biss PS 1187 Omar Zammit li xehed li l-esponenti twaqqfet mill-pulizija, harget min jhedda mill-

---

[1] Emfasi mizjuda

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v.George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v.Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

vettura taghha u giet infurmata li hija kienet arrestata. Li huwa zgur hu li fl-eba mument fix-xhieda ta' dan is-surgent jew tal-kollegi tieghu quddiem l-Ewwel Qorti ma ntqal li l-esponenti attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb kontra taghhom. Ghaldaqstant huwa car illi l-Prosekuzjoni ma gabet l-ebda prova biex issostni din l-ewwel akkuza taghha u konsegwentament l-Ewwel Qorti ma' kellha ebda prova migjuba quddiema biex issib l-imputata hatja ta' din l-ewwel akkuza.

b) Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni huwa car u manifest illi t-tieni akkuza ma gietx ippruvata stante li l-Prosekuzzjoni lanqas biss ittantat tipprova din l-akkuza. Meta PS 1197 Omar Zammit, PC27 Alan Joseph Zahra u PC1020 Patrick Magri xehdu quddiem l-Ewwel Qorti dawn fl-ebda mument ma xehdu li xi wiehed minnhom gie ingurjat, mhedded u/jew li saret xi offiza fuq il-persuna tieghu. Kienet biss fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ffirmata mill-Spettur Trevor Micallef, (li kien **biss** prezenti ghall-interrogazjoni ta' l-appellanta) li l-Prosekuzzjoni allegat li l-imputata heddet lil PS1187 Omar Zammit gewwa l-ghassa. Bir-rispett kollu fl-ewwel lok PS1187 fl-ebda mument ma xehed f' dan is-sens u ghalhekk huwa car illi t-tieni akkuza hija biss allegazzjoni li ma gietx bl-ebda mod ippruvata u l-Ewwel Qorti ma' kellha eba prova migjuba quddiema biex issib l-imputata hatja ta' din t-tieni akkuza.

c) Illi bir-rispett kollu, huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi t-tielet hija akkuza difficili hafna li tigi ppruvata u l-appellanta umilment ma' taqbilx ma' l-ewwl Qorti li din l-akkuza giet ppruvata skont il-grad rikjest mill-ligi.

Fin-nota ta' sottommissjonijiet tal-prosekuzzjoni gie allegat illi, "l-imputata startjat il-vettura u bdiet issuq bil-konsegwenza li kienet ser ittajjar lis-surgent PS1187, PC1020 u lil PC27 u xi nies pajzana li kienu fit-triq."  Dana assolutament mhux minnu u ma jirrizultax mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

Il-*parte civile* PC1187 mistoqsi in kontro-ezami qal, "*jiena kont hdejn il-vettura dak il-hin, kont qieghed mal-bieba taghha, tax-xufier*" u jerga' *"u anke lilna li dak il-hin konna hdejn il-karozza*". Huwa fatt illi jekk xi hadd jistartja karozza u jsuq il-quddiem mhuwiex

fizikament possibli li jintlaqat xi hadd illi qieghed hdejn il-vettura. L-istess PC1187 ighid illi "*ppruvat titlaq minn fuq il-post*" li jkompli jindika li l-vettura nstaqet biss ghal ftit metri u fuq ordni tal-istess pulizija l-appellanta waqfet il-vettura taghha minn jeddha. PC1187 jghid illi "*jiena ezatt kif saqet bdejt inhabbtilha mal-hgiega biex tieqaf u baqghet issuq*". B' kull rispett lejn l-Ewwel Qorti bla ebda mod ma jista' jirrizulta illi l-esponenti ttantat li tikkommetti griehi ta' natura gravi fuq PC1187 meta mix-xhieda tieghu stess johrog car illi huwa kien biss hdejn jew wara l-vettura.

Il-*parte civile* PC1020 fix-xhieda tieghu jghid car u tond, *"jiena ersaqt fil-genb"*. PC1020 illi huwa ta' certu statura imbaghad jghid illi *"zgholt nigri minn quddiem il-karozza……u qbadt mal-pilastru tax-xufier"*. Huwa jkompli jghid illi huwa rnexxielu anke jidhol fil-karozza. Dan ix-xhud pinga` sitwazzjoni li mhix kredibbli. Dan ix-xhud xehed quddiem l-Ewwel Qorti li huwa kien quddiem il-karozza u li kien ser jigi mtajjar izda fuq mistoqsija ta' l-Ewwel Qorti, "Jigifieri kont quddiem lejn il-lemin hux hekk" PC1020 irrisponda "Ezatt". Minn dan isegwi illi jekk il-vettura nstaqet b'tali mod u bl-intenzjoni illi l-appellanta twegga n-nies bir-rispett kollu lejn PC1020, mhuwiex fizikament possibli li bniedem tal-istatura tieghu qabad mal-pilastru tal-karozza u sahansitra dahal mit-tieqa u irnexxielu jitfi l-karozza. Il-verita' hi li hu kien mal-genb tal-karozza li kienet ghaddeja bil-mod u kien ghalhekk illi rnexxilu jaqbad mal-pilastru. Il-karozza twaffqet mill-imputata u dan johrog car minhabba l-fatt li l-karozza tal-ghamla Smart tintefa biss minn naha tax-xellug jigifieri fejn hemm l-handbreak.

Il-*parte civile* PC27 Alan Joseph Zahra m'huwiex xhud kredibbli. Fuq l-ewwel mistoqsija ta' l-Ewwel Qorti huwa wiegeb illi ma jiftakarx il-kulur tal-vettura. Ikompli jghid illi huwa avvicina il-vettura u talab il-particulars lill-esponenti ghaliex, *"kienet ser ittajjar 4 min-nies"*. PC1187 li kien mieghu f'ebda hin ma qal illi l-esponenti kienet ser ittajjar in-nies imma sempliciment illi kienet tiela minn one way. PC1020 ma semma xejn lanqas. PC27 in kontro ezami mistoqsi b'domanda diretta fejn kien qieghed meta' l-appellanta bdiet issuq, qal, "*fejn l-Smart tas-sinjura*". Mistoqsi biex jispecifika jghid, "*mal-genb u quddiem. Quddiem imma mal-genb, in-naha tad-driver. On the side*". Ma hemm ebda dubju illi PC27 kien mal-genb tal-karozza u konsegwentement mix-xhieda ta' l-istess

PC27 ma jirrizultax illi l-esponenti saqet intenzjonalment fuqu sabiex taghmillu ferita ta' natura gravi. PC27 baqa' juri l-inkonsistenza fix-xhieda tieghu meta jghid illi PC1020, "tkaxkar sal-Cascada" haga li minn ezami tax-xhieda ta' PC1020 stess ma tirrizultax.

A tempo vergine fl-istqarrija tal-applellanta meta giet mistoqsija jekk saqitx fid-direzzjoni ta' xi pulizija u nies pajzana l-esponenti tghid, "Safejn naf jien ma soqt fid-direzzjoni ta' hadd u ma kaxkart lil hadt mieghi." Fil-fatt PC1020 jghid illi "qbadt mal-pilastru tax-xufier tal-bieba tax-xufier u grejt mal-karozza xi 70 jew 100 metru" Hemm differenza kbira bejn tigri ma' karozza u li titkaxkar ma karozza.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-prosekuzzjoni fakkret lill-Qorti li peress li kien bejn il-gimgha u is-sibt ikun hemm nies mhux hazin. PC27 li kien inkonsistenti fix-xhieda tieghu kollha jghid li kienet, *"mimlija bin-nies"* filwaqt li PC1020 jghid illi *"mhux mimlija sew, kien hemm in-nies".*

Huwa principju fondamentali fil-ligi Kriminali u ben ribadit fil-gurisprudenza taghna li sabiex wiehed jinstab hati ta' reat, mhux bizzejjed illi jigi ppruvat l-element materjali izda huwa necessarju li jigi ppruvat l-element formali: <u>*Actus Non Facit Reum Nisi Mens Sit Rea.*</u>

Fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** moghtija fis-16 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie ritenut illi:

*"dejjem giet accettata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, …… li jista' jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz."*

Fil-kaz odjern l-prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma gabu xi prova li tista' tikkonferma illi l-esponenti intenzjonalment saqet fuq il-Pulizija sabiex taghmillhom feriti ta' natura gravi.

Fil-fatt mill-provi prodotti mill-prosekuzjoni lanqas l-element materjali ma jirrizulta. L-element formali illi huwa fondamentali ghal reat simili lanqas biss jissemma.

Fix-xhieda prosekuzzjoni saret referenza ghall-intenzjoni tal-esponenti izda b'mod totalment kontrastanti ghal dak li qed tipprova tpingi l-prosekuzzjoni. PC1187 Omar Zammit ighid "hin minnhom din il-persuna ghal xi raguni startjat il-karozza u pruvat titlaq minn fuq il-post." Johrog car illi l-unika intenzjoni tal-esponenti kienet li tipprova titlaq minn fuq il-post u dana huwa msahhah mill-fatti ghaliex kif inghad aktar il-fuq jirrizulta mix-xhieda li hija ma saqet fuq l-ebda Pulizija li sahansitra kollha sostnew li kienu mal-genb. Fil-fatt huwa car illi l-att kommess mill-appellanta kien principalment intiz sabiex titlaq minn fuq il-post billi ssuq ghal go triq San Gorg illi hija l-unika 'exit'.

d) Fir-rigward ta' dak li hareg mill-provi quddiem l-Ewwel Qorti dwar ir-raba' akkuza ghandu jinghad illi a tempo vergine meta waqt l-istqarrija l-ispettur staqsa lill-imputata jekk startjatx il-karozza saqet fid-direzzjoni ta' xi pulizja u xi nies pajzana, u wiehed mill-pulizija kellu jaqbad mal-bieba tal-karozza, kaxkritu xi ftit metri u irnexxilu jwaqqafha milli ssuq hija wiegbet "Sa fejn naf jien ma soqt fid-direzzjoni ta' hadd u ma kaxkart lil hadd mieghi." Dakinhar ta' l-incident l-imputata giet imwaqqfa mill-pulizija fi Triq San Gorg, San Giljan (fil-vicinanzi ta' Burger King) ghaliex skont huma hija kienet ghaddiet minn triq li kienet 'one-way'. In difeza, d-difiza ezebit ritratt tat-triq in kwistjoni li juri li ma kien hemm l-ebda tabella li turi li t-triq kienet 'one-way' kif qedghin jallegaw il-pulzija. Bir-rispett kollu ghalkemm huwa minnu illi dak ir-ritratt kien mehud wara l-allegat incident xorta wahda jibqa' il-fatt li kif jidher mir-ritratt jidher bic-car li ma tidher l-ebda tabella li turi li t-triq kienet 'one-way'.

In oltre l-prosekuzzjoni allegat illi l-imputata kienet ser ittajjar xi nies li skont huma kienu fit-triq dak il-hin izda minkejja dan l-prosekuzzjoni naqqset milli t-tella' dawn in-nies li skont hi l-imputata kienet ser ittajjar. Il-provi li pproduciet il-prosekuzzjoni kienu jikkonsitu f'ufficjali tal-pulizija u cioe' PC27 Alan Joseph Zahra, PS1187 Omar Zammit u PC1020 Patrick Magri li kienu prezenti fuq il-post fil-hin ta' dan l-allegat kaz. Skont

dawn it-tlett xhieda l-imputata kienet giet arrestata ghaliex hija kienet ser ittajjar erbgha minn nies izda bir-rispett kollu din hija biss allegazzjoni li l-Prosekuzzjoni lanqas biss ittantat tipprova.

Hija regola kardnali tal-Ligi Kriminal li tohrog minn artikolu 638 subartikolu 1 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandha tingieb l-ahjar prova sabiex l-kaz jigi ppruvat b' mod shih u korrett. B'kull rispett lejn il-Prosekuzzjoni, hija naqset milli ggib l-ahjar prova sabiex tipprova din ir-raba' akkuza kif dedotta kontra l-imputata stante li fl-ebda mument ma resqet prova li turi li l-imputata kienet qedgha issuq b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata waqfet meta qalulha l-pulizja biex tieqaf minkejja li jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' PS1187 Omar Zammit li xehed quddiem l-Ewwel Qorti illi "hin minnhom ghal xi raguni stratjat il-karozza u pruvat titlaq minn fuq il-post." Fuq dan il-punt il-pulizija l-ohra li xehdu quddiem din Ewwel Qorti taw rakkont pjuttost ezagerat fejn huma qalu li pulizija minnhom u cioe' PC1020 Patrick Magri qal *"qbadt mal-pilastru tax-xufier tal-bieba tax-xufier u grejt mal-karozza qisu xi 70 jew 100 metres, xi haga hekk. Imbaghad rnexxieli nidhol fil-karozza u qtajtilha l-karozza free."*

Bir-rispett kollu huwa ferm difficli li wiehed jemmen din it-tezi u dan ghaliex fl-ewwel lok il-karozza ta' l-imputata hija tat-tip Smart u hija awtomatik u ghalhekk bhala fatt ma tistax tithalla free jekk il-karozza tkun miexja. Fit-tieni lok kemm l-awtomatic gear lever kif ukoll l-ignition ta' tali karozza tinsab fuq in-naha tax-xellug tal-vettura fin-nofs bejn is-seat tax-xuffier u dak tal-passiggier. Ghalhekk bhala stat ta' fatt m' huwa xejn kredibbli li persuna (fil-kaz odjern PC 1020) ta' statura kbira jidhol mit-tieqa tax-xuffier minn fuq l-istess imputata u jpoggi l-karozza free kif xehed li ghamel. Lanqas huwa kreddibli dak li qal l-ufficcjal prosekutur, l-Ispettur Trevor Micallef, li qal "PC1020 Patrick Magri ... irnexxielu jaqbad mal-vettura taghha u jitfilha c-cavetta u jaqlaghha minn postha." Bir-rispett kollu kif hareg mix-xhieda stess ta' l-iSpettur Micallef hu ma kienx fuq il-post u kien hu biss li allega li PC1020 qala c-cavetta tal-vettura ta' l-imputata minn postha.

Illi anke li kieku din l-Ewwel Qorti kellha taccetta din it-tezi bhala stat ta' fatt dan huwa mpossibli peress illi kif gie sottomess hawn fuq l-ignition tinsab fuq in-naha tax-xellug tal-vettura fin-nofs bejn is-seat tax-xuffier u dak tal-passiggier u ghalhekk wiehed ma jistax jemmen illi ghadda minn fuq l-imputata waqt li skont il-pulizija kienet qedgha ssuq u qala c-cavetta mill-ignition. In oltre b' referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni li kieku kien veru dak li allegat l-prosekuzzjoni li PC1020 Patrick Magri gie imkaxkar diversi metri dan il-pulizija kien ta' l-inqas jezebixxi xi certifikat mediku ta' xi griehi hfief li seta' sofra izda fl-ebda mument ma l-prosekuzzjoni allegat jew akkuzat lill-imputata li kkawzat xi griehi ta' natura hafifa fuq dan l-istess pulizija. Wiehed ma jistax jemmen li persuna tigi mkaxxkra diversi metri u ma jigrilha proprju xejn!

Illi kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v.Alfred Mifsud deciz fis-6 ta' Mejju 1997** (Vol.LXXXI.iv.157), din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta qalet:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi.forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli,prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal-terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-*

*rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz."* [3]

Illi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004 qalet:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 6 minn 6 Qrati tal-Gustizzja p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definite bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. Vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi l-intenzjoni ta' l-appellanta kient cara, u cioe' li titlaq minn fuq il-post u ghamlet dan billi startjat il-karozza u saqet ftit metri fid-direzjoni ta' Triq San Gorg u dana minghajr ma tkun periklu ghal hadd. L-unika prova migjuba mill-prosekuzjoni fir-rigward ta' din l-akkuza kientet li PC1020 allegatament gie mkaxkar ghal diversi metri pero' t-tlett puluzija li xehedu fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti lanqas biss qablu fuq id-distanza li PC1020 gie allegatament imkaxkar. Bir-rispett kollu, l-appellanta ma taqbilx li mill-provi prodotti mill-Prosekuzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, l-istess Qorti sabet htija u dana ghaliex l-Ewwel Qorti <u>naqset milli tapprezza l-fatt illi kien hemm negligenza</u>

---

[3] Ara **The Police vs Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".

kontributorja sostanzjali ta' l-allegat vittma PC1020 meta dan minn jeddu ddecieda li jaqbad mal-pilastru tal-vettura ta' l-appellanta meta din l-istess vettura kient diga miexja.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena nflitta. L-Ewwel Onorabbli Qorti wara li sabet lill-appellanta hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha hlief ghall-hames akkuza u dik tar-recediva hija setghet tapplika piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija sospiza u cioe', fic-cirkostanzi, wara li tqabbad Probation Officer sabiex ihejji rapport setghet tapplika l-artikolu 11 tal Kap. 446 u b' hekk tqieghed lill-appellant taht ordni ta' servizz fil-komunita' taht dawk il-kundizzjonijiet xierqa u opportuni fic-cirkostanzi. (*vide* sentenza moghtija fil-25 ta' April 2006 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onor David Scicluna, fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs. …omissis … John Farrugia***'). Il-Qorti setghet ukoll alternattivment tqieghed lill-esponent taht probation ghall-massimu ta' tlett snin u dan a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Sentenza sospiza nflitta fuq l-esponenti ser tkun ta' dannu ghaliha u tista' tirrizulta fit-telfien ta' l-impieg taghha stante illi hija tahdem mal-Bank of Valletta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li

kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-aggravju tal-appellanta dwar l-ewwel akkuza hu delinejat hawn fuq.  Illi mill-qari tax-xhieda prodotti quddiem l-aeewel Qorti min imkien ma jirrizulta li l-appellanta uzat xi vjolenza kontra l-ufficjali tal-pulizija jew ghamlet rezistenza bi vjolenza u b'hebb kontra taghhom.  Izjed min hekk ma hemm xi tghid izjed.

Illi dwar it-tieni akkuza l-istess ma tirrizultax ghaliex ma hemm ebda prova li l-appellanta ingurjat, heddedt jew ghamlet offiza kontra l-ufficjali tal-pulizija hawn fuq imsemmija.

Illi dwar it-tielet akkuza li hi l-akkuza ta' tentattiv ta' ferita gravi.  Illi l-ewwel Qorti strahet fuq in-nota ta' osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni.  Hu car li din in-nota ma tirrispekkjax dak li gara fil-fatt.  Apparti l-fatt li ma kien hemm ebda pulizija quddiem il-vettura in kwistjoni, jidher car li l-vettura nstaqet ghal ftit metri.  Ma hemm ebda dubju li l-versjoni li din il-vettura nstaqet ghal sebghin jew mitt metru mhiex kredibbli.  Din il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghar-rikors tal-appellanta u ma ghandha xejn iktar x'izzid.

Illi dwar ir-raba' akkuza jirrizulta car li l-pulizija ma gabet ebda prova ta' kif kienet qed issuq l-appellanta.  Billi tghid li kient ser ittajjar xi persuni meta l-post in kwistjoni kien hemm il-persuni mhux prova sufficjenti biex tirradika responsabbbli kriminali u twiegeb ghal din l-akkuza.  Mhiex kwistjoni li ggib il-persuni kollha li kienu fil-vicinanzi izda x-xiehda tal-pulizija ghandha tkun ezatta u tindika kif tsli sewqan seta' jinkwadra ruhu fis-sewqan tal-appellanta.  Fil-fehma ta' din il-Qorti l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-prova rikjesta mil-ligi biex tigi ppruvata din l-akkuza.

Ghaldaqstant, ghal dwan ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Maria Balzan u konsegwentement qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn hi nstabet hatja tal-ewwel erba' akkuzi migjuba kontra taghha.  Tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellanta nstabet mhux hatja tal-hames akkuza akkuza migjuba kontra taghha.  Tikkonferma l-htija tal-appellanta dwar is-sitt akkuza migjuba kontra taghha.  Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Maria Balzan taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.  Fic-cirkostanzi, thassar u tirrevoka l-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan taghha.